**MALTA**

**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**
**MR. ALFRED PERINI**
**MR. HENRY JAMES PEARSALL**

**Illum 11 ta' Ottubru 2016**

**Rikors Numru 2/15**

**Claudia Carmicio**

**Vs**

1. **Ministeru tal-Finanzi**
2. **Awtorita` Ghat-Trasport f'Malta ghal kull interess li jista' jkollha**

## It-Tribunal,

Ra r-rikors ta' **Claudia Carmicio** ipprezentat fit-3 ta' Frar 2015 li permezz tieghu ippremettiet s-segwenti:-
"

1. *Illi l-esponenti giet notifikata b'decizjoni mehuda mit-Transfer of Residence Exemption Board fis-16 ta' Jannar 2015 – kopja annessa bhala Dok CC1. Illi din is-sentenza tghid li t-talba tal-appellanti biex il-vettura tal-ghamla Fiat Croma – DM535DR tigi ezentata mir-registrazzjoni ma tistax tigi milqugha a bazi tar-regolament 4(3)(e) tal-Avviz Legali 440 tal-2013;*

2. *Illi ghalhekk l-appellanti qed tintavola dan l-umli appell a tenur tal-Kap 490 tal-Ligijiet ta' Malta u l-aggravji huma s-segwenti:*

    a. *Il-bord naqas milli jimmotiva d-decide tiegħu.*

    b. *Illi l-provi u d-dokumenti miġjuba ampjament jippruvaw il-każ izda nonostante dan il-Bord xorta wahda rrifjuta t-talba.*

3. *Illi riferibbilment ghall-ewwel aggravju, huwa car u manifest u jikkonsisti fil-fatt li minkejja li din it-talba giet trattata b'mod dettaljat permezz ta' dokumentazzjoni pprezentati mill-appellanti, dan il-materjal kollu ma giex rifless fid-dixxerniment u formulazzjoni tal-gudizzju tal-Bord u allura qed jigi sottomess, li d-decizjoni hija nulla u kienet tippekka minn motivazzjoni sodisfacjenti sal-grad li tesigi u tirrikjedi mhux biss il-ligi imma wkoll il-principji tal-gustizzja naturali;*

4. *Illi riferibbilment ghat-tieni aggravju, l-artikolu ccitat fid-decizjoni jistipula rekwiziti li fl-umli opinjoni tal-appellanti gew kollha trattati u ppruvati mill-appellanti bl-ahjar mod li setghet u bil-mod ta' kif giet gwidata li taghmel mill-awtorita` koncernata;*

5. *Illi l-fatti fil-qosor huma li l-appellanti hija mizzewga lil Filippo Trapani li ghandu familjari fil-qrib li jirrisjedu Malta u hija flimkien ma' zewgha ta' spiss kienu jigu Malta;*

6. *Illi huma ghandhom ir-residenza taghhom l-Italja izda fis-sajf 2014 kienu gew Malta sabiex jesploraw il-possibbilta` li jigu jghixu gewwa Malta;*

7. *Illi fost l-affarijiet li ghamlu sabiex ikunu jistghu jirrisjedu hawn Malta kienet li japplikaw ghad-dokumentazzjoni necessarja sabiex ikollha d-dokument ta' identifikazzjoni legali li jippermetti li tirrisjedi hawn Malta, liema dokument l-apellanti rceviet flimkien ma' ta' zewgha u uliedha ftit granet qabel intavolat l-applikazzjoni taghha ghall-ezenzjoni mir-registrazzjoni tal-vettura taghha;*

8. *Illi ghalhekk jirrizulta b'mod car li d-dokumentazzjoni legali tat-trasferiment tar-residenza tal-appellanti kif rikjest mil-ligi propju wasal ghand l-appellanti fit-terminu ta' tletin (30) gurnata rikjest ghall-applikazzjoni ghall-ezenzjoni tar-registrazzjoni tal-vettura;*

9. *Illi l-appellanti giet moghtija istruzzjonijiet mir-rapprezentanti tad-Dipartiment tal-Ministeru tal-Finanzi, il-Belt Valletta, certu 'Frank' li bhala data rigwardanti r-residenza l-appellanti kellha tindika d-data li hemm fuq il-karta tal-identita` li tirreferi ghal "Post u Data tal-Hrug" tad-dokument ta' residenza u cioe` 13 ta' Novembru 2014 (vide Dok CC2) pero` din ma kinitx id-data meta hija giet a konoxxenza li l-applikazzjoni taghha ghal residenza hawn Malta giet milqugha peress li kif spjegat iktar 'il fuq id-dokumentazzjoni legali tat-trasferiment tar-residenza tal-appellanti kienet taf bih ftit granet qabel l-applikazzjoni ghall-ezenzjoni tar-registrazzjoni tal-vettura.*

*Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi u ghal dawk ir-ragunijiet kollha li ser jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, l-esponenti qieghda umilment titlob illi dan l-Onorabbli Tribunal jogħġbu jirrevoka in toto d-decizjoni tal-Bord datata 16 ta' Jannar 2015 (MF 42/09/1448) fuq indikata u b'hekk il-vettura Fiat Croma bin-numru tar-registrazzjoni DM535DR tigi ezentata mill-hlas ta' registrazzjoni peress li l-appellanti hija residenti Malta.*

*Bl-ispejjez kontra l-istess appellati jew min minnhom."*

Ra r-risposta tal-**Ministeru tal-Finanzi**ipprezentata fit-18 ta' Frar 2015 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:-

"

1. *Illi bil-preżenti risposta, l-esponent ser iwieġeb għar-rikors tal-appell interpost min Claudia Carmicio li permezz tiegħu talbet lil dan it-Tribunal sabiex tirrevoka d-deċiżjoni tat-Transfer of Residence Exemption Board datata 16 ta' Jannar 2015, u minflok jiddeċiedi u jordna li l-vettura Fiat Croma bin-numru tar-reġistrazzjoni DM535DR tiġi eżentata mill-ħlas ta' reġistrazzjoni peress li l-appellanti hija residenti Malta;*

2. *Illi l-appell devolut quddiem din l-Onorabbli Qorti huwa mfassal fuq żewġ aggravji u ċjoè li, skont l-appellanti,:*

   *a.Il-bord naqas milli jimmotiva d-decide tiegħu;*
   *b.Il-bord rrifjuta t-talba tal-appellanti nonostante l-provi u d-dokumenti miġjuba minnha mpjament jipprova l-każ;*

3. *Illi fuq l-ewwel aggravju post mill-appellant, l-esponenti jirrileva li l-appellanti stess, fl-applikazzjoni sottomessa minnha (vide* **Dok. A***) indikat fil-kolonna ntestata "Date of taking up residence in Malta", bħala li hija t-13 ta' Novembru 2014 filwaqt li taħt il-kolonna "C. Vehicle Details" fil-parti ntestata "Expected date of arrival in Malta or date of arrival in Malta" l-appellanti ddikjarat li l-karozza in kwistjoni waslet f'Malta fl-24 ta' Ottubru 2014;*

4. *Illi għaldaqstant japplika r-***regolament 4(3)(e) tal-L.S. 368.01** *stante li meta l-appellanti trasferiet ir-residenza tagħha lejn Malta, l-vettura in kwistjoni kienet diġa walset Malta. Ifisser għalhekk li l-appellanti kellha tissottometti l-applikazzjoni għall-eżenzjoni "fi zmien tletin ġurnata mid-data li fiha dik il-persuna tkun ittrasferit ir-residenza tagħha f'Malta" fit-termini tal-imsemmi regolament;*

5. *Illi mid-data li fiha l-appellanti ddikjarat li stabbiliet ir-residenza tagħha hawn Malta (13 ta' Novembru 2014) sad-data li fiha hija ssottomettiet l-imsemmija applikazzjoni (23 ta' Diċembru 2014) għaddew erbgħin ġurnata. Għaldaqstant huwa evidenti li l-appellanti ma tissodisfax ir-rekwiżit stabbilit taħt ir-regolament 4(3)(e) tal-L.S. 368.01 stante li ma ssottomettiex l-applikazzjoni fi żmien tletin ġurnata mid-data li fiha hija ddikjarat li trasferiet ir-residenza tagħha f'Malta;*

6. *Illi r-***regolament 4(1) (a) tal-L.S. 368.01** *jippreskrivi li "L-eżenzjoni ... m'għandhiex tingħata meta – (a) il-vettura u, jew l-applikant ma jkunux issodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti taħt is-subregola (3)". Għalhekk ladarba l-appellanti ma ssodisfatx ir-rekwiżit stabbilit fl-imsemmi regolament 4(3)(e), l-esponent kien obbligat taħt dan ir-regolament li ma jagħtix l-eżenzjoni kif fil-fatt hekk għamel permezz tad-deċiżjoni hawn attakkata;*

7. *Illi jsegwi għalhekk li id-deċiżjoni tal-bord ma tiddifetta min ebda motivazzjoni errata. Tassew, jiġi rilevat li għalkemm il-motivazzjoni hi ta' essenza f'kull ġudikat, mhux neċessarju li din tkun waħda bilfors elaborata, u tista', anzi, tkun waħda skematika, basta li minnha tkun tista' tiġi individwata r-raġuni li titqiegħed għab-bazi tad-deċiżjoni;*

8. *Illi għall-iskop li jkun adempit l-obbligu tal-motivazzjoni intelliġibbli, it-Transfer of Residence Exemption Board ma kienx tenut li joqgħod jivvaluta u jiddibatti singolarment kull aspett probatorju iżda kien jibbasta li jindika l-elementi li fuqhom hu jkun ser jibbaża l-konvinċiment tiegħu. Kif korrettement enunċjat fis-sentenza deċiża mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Inferjuri fl-ismijiet* ***Joseph Mercieca vs Water Services Corporation*** *datata 27 ta' Frar 2009, "f'adempiment ta' l-obbligu tal-motivazzjoni l-ġudikant mhux tenut li joqgħod jagħmel apprezzament singolari tar-rizultanzi kollha proċesswali jew tal-punti kollha ta' dritt iżda suffiċjenti li hu jindika l-elementi li fuqhom ikun qiegħed jiffonda d-deċiżjoni tiegħu". Din il-fehma ġiet ukoll affermata mill-Qorti ta' l-Appell kolleġġjali fis-sentenza* ***Frank P. Borg Limited vs Joseph Camilleri*** *deċiża fit-28 ta' Mejju 2010;*[1]

9. *Illi hu ben ċar mill-korp tad-deċiżjoni appellata li l-konvinċiment tal-bord kien imsejjes fuq il-konsiderazzjoni li l-appellanti ssottomettiet l-applikazzjoni għall eżenzjoni wara li għadda t-terminu ta' tletin ġurnata mid-data li fiha Claudia Carmicio ittrasferiet ir-residenza tagħha f'Malta u għaldaqstant ma ssodisfatx ir-rekwiżit stabbilit taħt ir-****regolament 4(3)(e) tal-L.S. 368.01****;*

10. *Illi taħt dan il-profil, għall-kuntrarju ta' dak konteż mill-appellanti, il-formazzjoni tal-konvinċiment mill-bord hu wieħed idoneju u kongruwement sostenibbli u għaldaqstant l-aggravju sollevat mill-appellanti għandu ndubjament jiġi respint;*

11. *Illi attiż l-fatt li l-konklużjoni adotta mill-bord hija sorretta minn motivazzjoni kongruwa u koerenti mal-elementi tal-provi attendibbli, isegwi li lanqas it-tieni aggravju ssollevat mill-appellanti ma hu sostenibbli u dan in linea ta' prinċipju ormai assodat li Qorti tat-tieni istanza m'għandhiex tiddisturba l-apprezzament tal-bord anke għaliex tali valutazzjoni taqa' fil-poter diskrezzjonali tal-istess bord li ġie hekk imsejjaħ a tenur tar-****regolament 4(7) tal-L.S. 368.01****.*[2]

---

[1] Ara wkoll **XX Tanti v. Kummissarju tat-Taxxi Interni, Appell Nru. 2/07** deċiża mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fit-28 ta' Jannar 2008: "*wisq raġonevoli, għall-iskop li jkun adempit l-obbligu tal-motivazzjoni, min għandu jiġġudika mhux tenut jikkonfuta l-argomenti kollha prospettati mill-parti imma hu sufficjenti li hu jagħti ħjiel ta' dawk l-elementi li fuqhom ikun sawwar il-konvinciment tiegħu. Dan tghidu wkoll is-sentenza fl-ismijiet "****Paul Pace -vs- Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud****", Appell, 6 ta' Ottubru 2000.*

[2] Illi dan il-prinċipju ġie stabbilit f'diversi sentenzi inkluż dik deċiża min din l-Onorabbli Qorti fl-20 ta' Frar 2009 fl-ismijiet **Avv. Dr. Louis Cassar Pullicino nomine vs. Angelo Xuereb nomine et** fejn irribadiet li "*il-Qorti ta' l-Appell, bħala qorti ta' reviżjoni, ma tindaħalx, in linea ta' massima, fl-eżerċizzju tad-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti ħlief meta jkun manifestament eżerċitat ħażin, jew għal xi motiv ieħor gravi (Ruth Spiteri v. Emanuel Vella noe, Appell Ċivili Nru. 798/2000 deċiża mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-5 ta' Marzu 2003, )*". Ara wkoll **John Mary sive Jimmy Vella**

12. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, li kieku wieħed kellu xorta waħda jeżamina mill-atti l-apprezzament tal-provi li wassal lil-Bord għad-deċiżjoni tiegħu, jirriżulta li dik id-deċiżjoni hi għal kollox loġika u koerenti mal-konstatazzjonijiet u l-verifiki minnu magħmula stante li, kif diġa ingħad, l-appellanti stess ddikjarat fl-applikazzjoni tagħha li hija ttrasferiet ir-residenza tagħha fit-13 ta' Novembru 2014 iġifieri ferm wara ir-rekwiżit tat-tletin jum impost fir-regolament 4(3)(e) tal-L.S. 368.01.*

13. *Illi għalhekk ladarba l-appellanti ma ssodisfatx ir-rekwiżit stabbilit fl-imsemmi regolament 4(3)(e), l-esponenti eżegwixxa l-obbligu mpost fuqu permezz tar-regolament 4(4)(a) tal-L.S. 368.01 u ma tax l-eżenzjoni;*

14. *Illi fl-appell ntavolat minnha l-appellanti targumenta li ladarba, skont hi, "d-dokumentazzjoni legali tar-residenza tal-appellanti kif rikjest mil-liġi proprju wasal għand l-appellanti fit-terminu ta' tletin (30) ġurnata rikjest għall-applikazzjoni għall-eżenzjoni tar-reġistrazzjoni tal-vettura" allura t-talba tagħha għal tali eżenzjoni kellha tintlaqa;*

15. *Illi bir-rispett kollu, tali argument huwa bla dubju insostenibbli għal raġunijiet segwenti:*

    a. *Li diverżment minn dak fantastikat mill-appellanti, m'hemm xejn fir-* ***regolament 4(6)(a) tal-L.S. 368.01*** *li jirrikjedi lill-applikant jipproduċi d-dokument ta' residenza. L-imsemmi regolament jeżiġi biss li l-prova għandha "tkun sufficjenti, fl-ilsien Malti jew Ingliż, li tkun turi - ...li huwa* ***jkun se jibda joqgħod Malta****";*

    b. *Illi tant l-imsemmi* ***regolament 4(6)(a) tal-L.S. 368.01*** *fl-ebda mument ma jeżiġi il-produzzjoni ta' dokument ta' residenza bħala prova, li lanqas biss ma qiegħed imniżżel fl-elenku ta' dawk il-provi li l-istess regolament jagħti bħala indikazzjoni ("Dik il-prova tista' tinkludi")!;*

    c. *Li fi kwalunkwe każ jiġi rilevat li filwaqt li wieħed jista jiddikjara li huwa beda joqgħod Malta f'data qabel id-data tal-ħruġ tad-dokument ta' residenza, ċertament wieħed ma jistax min lewn id-dinja jiddikjara li huwa kien se jibda joqgħod f'Malta f'data wara id-data ta' ħruġ ta' tali dokument!*

---

**noe vs. Bernard Hotel Limited** deċiża mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-17 ta' Ottubru 2008 fejn irritenit li "*Hu prinċipju paċifiku illi Qorti ta' reviżjoni ma tindaħalx, in linea ta' massima, fl-eżerċizzju ta' l-apprezzament diskrezzjonali mit-tribunal ta' l-ewwel grad "ħlief met jkun manifestament eżerċitat ħażin, jew għal xi motive ieħor gravi" ("Elena Magri et –vs- Rosaria Borg", Appell Ċivili, 10 ta' Frar 1961). Teżisti raġuni għal dan il-prinċipju. L-eżami tad-dokumenti u tad-deposizzjonijiet fuq l-attendibilità u l-kredibilità tal-provi, l-individwazzjoni u l-għażla ta' dawk fosthom li jitqiesu l-aktar idoneji biex isostnu l-motivazzjoni, jinvolvu apprezzament ta' fatt rizervat lill-ewwel tribunal fil-meritu. Kif frekwentement ritenut, hu proprju l-ewwel tribunali li kellu l-opportunità li jevalwa l-provi prodotti, il-komportament tal-partijiet u x-xhieda tagħhom meta ddeponew quddiemu, u għex l-iter tal-proċess fil-vari fażijiet tiegħu.*"

*Illi tassew, kif stipulat fl-imsemmi* ***regolament 4(3)(e) tal-L.S. 368.01*** *kif ukoll fl-applikazzjoni stess taħt l-intestatura "A. INFORMATION ON APPLICABILITY", l-applikazzjoni għall-eżenzjoni għandha ssir fi żmien tletin ġurnata* *mid-data li fiha dik il-persuna tkun ittrasferiet ir-residenza tagħha f'Malta* *u mhux mid-data ta' meta wieħed ikun irċieva d-dokument ta' residenza!*

*Għaldaqstant bl-ebda mod ma jista jiġi argomentat li l-appellanti trasferiet ir-residenza tagħha f'Malta f'data wara dik tal-ħruġ tad-dokument ta' residenza.*

16. *Illi jsegwi għalhekk li dan l-aggravju, bħal dak ta' qablu, ma hu sostenibbli xejn u għaldaqstant għandu jiġi miċħud."*

Ra r-risposta tal-**Awtorita` ghat-Trasport f'Malta** ipprezentata fis-16 ta' Frar 2015 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:-

"

1. *Illi in linea preliminari, l-Awtorita` esponenti mhix il-legittimu kontradittur b'din il-kawza u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju u dana peress illi kwalunkwe decizjoni mehuda in konnessjoni mal-applikazzjoni tar-rikorrenti ghall-ezenzjoni mill-hlas tat-taxxa ttiehdet unikament mill-Ministeru responsabbli mill-Finanzi u in oltre l-Awtorita` esponenti m'ghandha ebda sehem la fil-konsiderazzjonijiet u lanqas fid-decizjonijiet ta' tali talbiet ghall-ezenzjoni. Ghaldaqstant l-Awtorita` rispondenti ghandha tigi liberata ab observantia bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti.*

2. *Illi sussidjarjament u bla pregudizzju ghall-premess l-allegazzjonijiet u l-pretenzjonijiet tar-rikorrenti kontra l-Awtorita` esponenti huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi r-rikorrenti ma tissodisfax ir-rekwiziti stabbiliti tal-ligi sabiex tkun ezentata mill-hlas tat-taxxa ta' registrazzjoni u dan kif se jigi ampjament pruvat waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appell.*

3. *Illi sussidjarjament u bla pregudizzju ghall-premess it-talbiet rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez u dana peress illi d-decizjoni in kwistjoni hija legali, gusta u ghandha tigi kkonfermata.*

4. *Illi f'kull kaz l-Awtorita` rispondenti m'ghandhiex tigi akkollata bl-ispejjez ta' din il-procedura."*

Ra l-affidavit tar-rikorrenti u d-dokumenti annessi mal-istess;[3]

Sema' x-xhieda ta' Frans Attard,[4] u ta' Filippo Trapani,[5] u ta' Karen Cremona.[6]

---

[3] A fol. 38 sa 48
[4] A fol. 57 sa 65
[5] A fol. 68 sa 70
[6] A fol. 77 sa 85

Ra n-nota ta' sottomissjnijiet tal-intimat;

Ra l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrenti hassitha aggravata b'decizjoni mahruga mit-*Transfer of Residence Exemption Board* (iktar 'il quddiem imsejjah "Il-Bord") datata 16 ta' Jannar 2015 li permezz taghha giet mgharrfa bis-segwenti:-

*"Reference is made to your application for an exemption under article 19 of the Motor Vehicle Registration and Licensing Act (Cap. 368) (Transfer of Residence) and Regulation 4 of the Exemption from Motor Vehicle Registration Tax Rule (S.L. 368.01)*

*Following assessment of your application, it is regretted that this Ministry cannot accede to your request in terms of Legal Notice 6 of 2012 under rule 4(3)(e) which stiuplates that "where the person has transferred his residence to Malta and the vehicle has already arrived in Malta, the application for exemption is to be made within thirty days from the date on which that person had transferred his residence to Malta".*

*You have the right to appeal from this decision, within 21 days from the date of this decision, before the Administrative Review Tribunal in accordance with the provisions of the Administrative Justice Act (Cap. 490) and regulations in terms of the Act. A copy of this procedure is attached."*[7]

Illi ghalhekk jirrizulta illi l-bazi tar-rifjut tal-Bord tinsab fir-Regolament 4 (3) (e) tal-Avviz Legali 440 tal-2013 (Regoli Dwar Ezenzjoni Mit-Taxxa Tar-Registrazzjoni Ta' Vetturi Bil-Mutur) li jghid is-segwenti:-

***"(3) Biex vettura tkun tista' tikkwalifika ghall-ezenzjoni taht is-subregola (1):***

***(e) jekk il-vettura tkun diga` waslet f'Malta, l-applikazzjoni ghall-ezenzjoni ghandha ssir fuq il-formola preskritta mill-persuna li tkun qieghda tittrasferixxi r-residenza taghha fi zmien tletin gurnata minn meta l-vettura tkun waslet Malta."***

Illi fl-affidavit taghha **r-rikorrenti** tistqarr li hija u r-ragel taghha, Filippo Trapani, kienu jigu Malta ta' spiss peress li kellhom il-familjari

[7] Vide Dok CC1 a fol. 4

hawn Malta. Fis-sajf tal-2014 bdew jahsbuha jekk jitrasferrixxux ruhhom hawn Malta u f'Novembru tal-2014 applikaw ghall-permess ta' residenza f'Malta u marru wkoll l-ufficju tal-Awtorita` intimata biex jibdlu n-numru ta' registrazzjoni tal-vettura taghhom. Tghid li r-rapprezentanti tal-Awtorita` intimata talbuhom il-Karta ta' l-Identita` jew il-permess ta' residenza, pero` huma nghataw l-imsemmi permess fil-25 ta' Novembru 2014 u ghalhekk kien biss wara din il-gurnata li regghu marru fl-ufficji tal-Awtorita` intimata biex jirregistraw il-vettura.

Tghid li sussegwentement kienu ircevew ittra minghand certu Francis Attard mill-Ministeru tal-Finanzi biex jimlew xi informazzjoni, fosthom id-data tat-trasferiment tar-residenza u l-istess Attard insista li din id-data tkun dik riflessa fuq il-permess ta' residenza u cioe` 13 ta' Novembru 2014. Ir-rikorrenti tishaq illi hija ma haditx ir-residenza taghha fit-13 ta' Novembru 2014 imma hadet l-istess residenza wara l-25 ta' Novembru 2014 u cioe` wara li rceviet il-permess ta' residenza. Tghid illi qabel il-25 ta' Novembru 2014 ma setghetx tghid li kienet ittrasferiet ir-residenza taghha hawn Malta peress li ma kellha l-ebda dokument li jipprova dan u minhabba f'hekk lanqas setghet tapplika ghal numru ta' registrazjoni Malti ghall-vettura.

**Frans Attard**, ufficjal fi hdan il-Ministeru intimat, spjega illi fis-6 ta' Jannar 2015 huwa kien baghat ittra lir-rikorrenti ghaliex fl-applikazzjoni taghha kien hemm xi informazzjoni nieqsa, fosthom id-data meta hija hadet ir-residenza taghha hawn Malta. Jghid li kull applikant huwa liberu li jiddikjara huwa d-data li ttrasferixxa r-residenza tieghu hawn Malta. Jghid li meta r-rikorrenti marret biex timla l-informazzjoni nieqsa hija kienet se tnizzel id-data ta' meta giet notifikata biex tigbor il-permess ta' residenza u huwa gibdilha l-attenzjoni illi f'dik id-data hija kienet diga' tghix hawn Malta ghax inkella ma kienx se johrog tali permess. Jispjega illi biex wiehed japplika ghall-ezenzjoni mhux necessarju li jkun diga hareg il-permess ta' residenza.

**Filippo Trapani**, xehed illi fil-mori ta' dawn il-proceduri huwa kien mar l-Awtorita` intimata u talabhom jaghtuh id-dokumentazzjoni biex jirregistra vettura u huma tawh dokument li gie esebit bhala Dok FT1 a fol. 67 tal-process li jelenka numru ta' dokumenti li wiehed ghandu bzonn biex jirregistra vettura uzata li tiddahhal f'Malta minn pajjiz fi hdan l-Unjoni Ewropeja. Jispjega illi huwa staqsihom specifikatament jekk kellux bzonn ir-*residence card* biex issir ir-registrazzjoni u huma wegbuh fil-pozittiv. Jghid li meta hu u martu kienu orignarjament marru biex jirregistraw il-vettura, l-ufficjali tal-Awtorita` intimata

dejjem qalulhom li kellhom bzonn il-permess ta' residenza u li minghajru ma seta' jsir l-ebda trasferiment tar-registrazzjoni tal-vettura.

**Karen Cremona**, ufficjal ezekuttiv fi hdan l-Awtorita` intimata, spjegat illi meta persuna tigi residenti hawn Malta u ggib vettura maghha, l-Awtorita` titlob karta ta' l-identita Malija jew permess ta' residenza u sakemm ma jkollhomx permess ta' residenza il-persuni jitqiesu bhala turisti. Ghaldaqstant, sakemm persuna tottjeni l-permess ta' residenza ma tkunx tista' tirregistra l-vettura mal-Awtorita` intimata sakemm pero` ma jkollhiex xi kuntratt notarili ta' xi residenza hawn Malta. Ix-xhud tispjega illi jezistu zewg formoli separati, wahda ghar-registrazzjoni tal-vettura u ohra ghall-ezenzjoni mit-taxxa tar-registrazzjoni tal-vettura. Tispjega illi d-dokumenti necessarji biex issir l-applikazzjoni ghall-ezenzjoni mit-taxxa ta' registrazzjoni jinsabu elenkati fil-Formula VEH07 pero` l-Awtorita` intimata ma ticcekkjax id-dokumenti li jkun hemm annessi mal-applikazzjoni u kollox jigi mghoddi lill-Ministeru tal-Finanzi.

Illi l-ewwel aggravju tar-rikorrenti huwa fis-sens illi d-decizjoni tal-Bord hija nulla ghaliex tippekka minn motivazzjoni sodisfacjenti sal-grad li tesigi u tirrikjedi mhux biss il-ligi imma wkoll il-principji tal-gustizzja naturali.

Illi ai termini tar-Regolament 4 (7) tar-Regoli Dwar Ezenzjoni Mit-Taxxa Tar-Registrazzjoni Ta' Vetturi Bil-Mutur l-applikazzjoni ghall-ezenzjoni mit-taxxa ta' registrazzjoni ghandha tigi processata u deciza mill-Bord d-decizjoni ghandha tigi pubblikata fuq il-*website* tal-Ministeru responsabbli ghall-Finanzi. Illi ghalhekk il-ligi nnifisha ma tiddetermina l-ebda kriterji dwar x'ghandu jsawwar id-decizjoni. Mill-applikazzjoni nnifisha wiehed ma jistghax lanqas jiddetermina x'kienu r-ragunijiet ghala l-applikazzjoni giet rifjutata stante illi kif jirrizulta mill-kopja tal-applikazzjoni a fol. 19 tal-process, fil-parti intitolata "Reason for rejection, if rejected" hemm imnizzel biss "Minute 4", liema minuta qatt ma giet pprezentata f'dawn il-proceduri. Madankollu fid-decizjoni mibghuta lir-rikorrenti jirrizulta illi r-raguni tar-rifjut hija bbazata fuq Regolament 4 (3) (e) tal-Avviz Legali 440 tal-2013 li fih iktar minn element wiehed li applikant irid jissodisfa u cioe`:

1. **L-applikant irid ikun ittrasferixxa r-residenza tieghu f'Malta;**
2. **Il-vettura trid tkun waslet Malta**
3. **L-applikazzjoni trid tigi pprezentata fi zmien tletin gurnata**

Illi ghalhekk it-Tribunal jifhem li meta applikant jircievi r-rifjut fejn il-Bord jiccita testwalment il-ligi jista' jigi konfuz dwar liema parti huwa ma ssodisfax. Ghalhekk huwa desiderabbli li fid-decizjoni tar-rifjut, minbarra li tigi ccitata l-ligi, li hija prassi amministrattiva tajba, ghandu jkun hemm ir-raguni specifika, u cioe` f'dan il-kaz li kien skada t-terminu tat-tletin gurnata entro liema r-rikorrenti kellha tipprezenta d-decizjoni taghha. Madankollu dan ma jwassalx biex dan it-Tribunal jannulla u jirrevoka tali decizjoni ghaliex mir-rikors promutur jirrizulta li r-rikorrenti fehmet il-bazi tar-rifjut tant li kienet f'posizzjoni li tappella minn tali decizjoni. Lanqas ma jista' jinghad illi kien hemm xi ksur tal-principji tal-gustizzja naturali ghaliex ir-rikorrenti inghatat kull opportunita` biex tissupplimenta l-informazzjoni li origarjament kienet nizzlet fl-applikazzjoni taghha. Ghaldaqstant dan l-aggravju qieghed jigi michud.

Illi sorvolat l-ewwel aggravju, it-Tribunal huwa tal-fehma li huwa spedjenti li jitratta l-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita` intimata u cioe` li hi mhix il-legittimu kontradittur f'din il-kawza u li kwindi ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante li d-decizjoni appellata ttiehdet mill-Ministeru responsabbli mill-Finanzi. Illi t-Tribunal jirrileva illi huwa car daqs il-kristall li l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta u l-Ministeru tal-Finanzi huma zewg entitajiet separati u distinti minn xulxin. L-entita` li skond il-Ligi hija mghonija bil-poter li takkorda l-ezenzjoni mit-taxxa tar-registrazzjoni ta' vetturi huwa l-Ministru ghall-Finanzi, liema poter gie delegat lit-Transfer of Residence Exemption Board permezz ta' artikolu 19 (2) (d) tal-Kapitolu 368 tal-Ligijiet ta' Malta u Regolament 10 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01. L-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta m'ghandha l-ebda poter tiddeciedi jekk vettura tikkwalifikax jew le ghall-ezenzjoni, pero`, l-istess Awtorita`, meta tigi biex tirregistra vettura li dwarha tkun saret applikazzjoni ghall-ezenzjoni mit-taxxa ta' registrazzjoni, trid timxi abbazi ta' dak deciz mill-imsemmi Bord. Ghaldaqstant, dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-Awtorita` intimata ghandha ragun fl-ewwel eccezzjoni taghha u ghalhekk qieghed jilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju.

Ghalhekk, it-Tribunal se jinvesti issa t-<u>tieni aggravju</u> tar-rikorrenti u cioe` illi abbazi tal-provi u mid-dokumenti li r-rikorrenti pproduciet, il-Bord kellu jilqa' l-applikazzjoni taghha.

Illi mill-Kapitolu 368 Ligijiet ta' Malta (Att dwar ir-Registrazzjoni u l-Licenzjar ta' Vetturi bil-Mutur) u mil-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01 (Regoli Dwar Ezenzjoni Mit-Taxxa Tar-Registrazzjoni Ta' Vetturi Bil-Mutur) jirrizulta illi jezistu zewg termini ta' zmien differenti li

jikkoncernaw vettura privata ta' persuna residenti barra minn Malta. Jezisti t-terminu ta' seba' xhur taht il-Kapitolu 368 *entro* liema persuna tista' ticcirkola bil-vettura f'Malta bhala turist qabel ma jkun tassattiv li tirregistra l-istess vettura ghac-cirkolazzjoni f'Malta, u jezisti mbaghad terminu ta' tletin gurnata *ai termini* tar-Regolament 4 (3) (e) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01 *entro* liema persuna trid tipprezenta l-applikazzjoni taghha sabiex tigi ezentata milli thallas it-taxxa tar-registrazzjoni fuq vettura jekk hi tissodisfa l-kriterji kollha stabbiliti bil-ligi. Illi dawn iz-zewg termini huma distinti minn xulxin ghaliex filwaqt li it-terminu ta' seba' xhur huwa marbut mar-registrazzjoni tal-vettura, it-terminu tat-tletin gurnata huwa marbut mal-ezenzjoni tat-taxxa tar-registrazzjoni li jiskatta jekk persuna tibda tirrisjedi hawn Malta u l-vettura tkun waslet Malta.

Illi dan it-Tribunal japprezza illi persuna li tkun gejja tirrisjedi Malta jista' jkollha xi diffikulta ta' terminologija. Dan kollu mbaghad huwa aggravat jista' jkun bin-nuqqas ta' informazzjoni korretta moghtija minn xi ufficjali tal-Awtorita` intimata li forsi jkunu qeghdin jitkellmu fuq ir-registrazzjoni tal-vettura u mhux fuq l-applikazzjoni ghall-ezenzjoni mit-taxxa ta' registrazzjoni. Illi ghalhekk, dan it-Tribunal jifhem li seta' kien hemm xi tip ta' nuqqas ta' ftehim bejn ir-rikorrenti u l-ufficjali tal-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta, pero`, dak li dan it-Tribunal huwa kompetenti li jissindika huwa biss jekk id-decizjoni li ttiehdet mill-Bord kinitx legalment u fattwalment gustifikata.

Illi ma jidhirx li hemm kontestazzjoni li l-applikazzjoni in ezami saret oltre t-tletin gurnata minn meta l-vettura waslet hawn Malta. Fil-fatt l-applikazzjoni hija datata 23 ta' Dicembru 2014 mentri r-rikorrenti iddikjarat li hija hadet ir-residenza taghha fit-13 ta' Novembru 2014, filwaqt li l-vettura in kwistjoni ingabet hawn Malta fis-26 ta' Lulju 2014. B'hekk l-applikazzjoni saret oltre t-tletin gurnata msemmija f'Regolament 4 (3) (e) tal-Avviz Legali 6 tal-2012. Illi l-Bord kien marbut li jara li l-applikazzjoni kienet tissodisfa l-kriterji kollha elenkati fil-ligi biex tinghata l-ezenzjoni. Kjarament it-terminu ta' tletin gurnata huwa wiehed mill-kriterji tassattivi biex tinghata l-ezenzjoni mit-taxxa tar-registrazzjoni. Ghaldaqstant, it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-Bord ma seta' jaghmel l-ebda haga ohra hlief li johrog ir-rifjut tal-istess ezenzjoni.

Illi dan it-Tribunal jissimpatizza mar-rikorrenti jekk fl-opinjoni taghha seta' kien hemm xi tip ta' konfuzjoni fl-informazzjoni moghtija da parti tal-Awtoritajiet, pero` l-istess ma jistghax jannulla d-decizjoni mehuda mill-Bord peress li din ma tippekka bl-ebda mod, la legalment u lanqas fattwalment.

Illi fl-ahhar nett, pero`, dan it-Tribunal jaccenna ghall-fatt li fil-formula tal-applikazzjoni jirrizulta li kien hemm indikazzjoni dwar it-terminu fatali ta' tletin gurnata u ghalhekk ma jistghax jinghad, kif inghad f'decizjonijiet precedenti ta' dan it-Tribunal, illi kien hemm xi nuqqas amministrattiv da parti tal-Ministeru intimat f'dan ir-rigward. Mill-istess formola jirrizulta wkoll illi l-permess ta' residenza ma huwiex dokument tassattiv li jigi prodott mal-applikazzjoni. Fil-fatt a fol. 19, li hija parti mill-formula tal-applikazzjoni tar-rikorrenti, hemm indikat b'mod car illi d-dokumenti hemm imsemmija, fosthom "*Residence document issude by Department of Citizenship and Expatriates Affairs"*, jista' jigi prodott u mhux li huwa tassattiv li jigi prodott, b'dana li ovvajment l-*onus* li wiehed jipprova li jissodisfa l-kriterji rikjesti mil-ligi jibqa' dejjem fuq l-applikant. Ghaldaqstant, dak sostnut mir-rikorrent, u cioe`, li ma setghetx tapplika qabel kellha l-istess dokument ma jregix.

Illi ghalhekk it-tieni aggravju qieghed jigi wkoll michud.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, ghar-ragunijiet fuq esposti, qieghed jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita` intimata u jilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju, jilqa' wkoll l-eccezzjonijiet imressqa mill-Ministeru intimat u jichad l-appell interpost mir-rikorrenti mid-decizjoni appellata datata 16 ta' Jannar 2015.

Bl-ispejjez a karigu tar-rikorrenti.

______________________________

**Magistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**